# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 9 ta' Jannar 2024**

**Kawza Numru: 1**

**Rikors Ġuramentat Numru: 1140/2023 JVC**

**Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Dimbros Ltd (C 32506)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. 'Illi l-Awtorita' rikorrenti pprovdiet servizzi ta' kiri ta' *enforcement officers* tagħha fir-rigward ta' xogħolijiet fit-triq illi kienet qed teżegwixxi s-soċjeta' intimata, għal liema servizzi huwa dovut lill-Awtorita' riskorrenti mis-soċjeta' intimata s-somma ta' hmistax-il elf ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u disgħin ċenteżmu (€15,537.90) skond ir-Rendikont hawn anness bħala Dokument 'A'.

2. Illi dan id-dejn huwa ċert, likwidu u dovut iżda għalkemm l-Awtorita' rikorrenti interpellat lis-soċjeta' intimata sabiex tħallasha l-ammont dovut, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti.

3. Illi wkoll l-Awtorita' rikorrenti ppreżentat fil-konfront tas-soċjeta' intimata ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet, liema ittra uffiċjali pero baqgħet ma ġietx notifikata minkejja numru kbir ta' tentattivi illi saru (kopja hawn annessa bhala Dok. 'B').

4. Illi l-ammont dovut mis-socjeta′ intimata lill-Awtorita′ rikorrenti fis-somma ta′ hmistax-il elf ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u disgħin ċenteżmu (€15,537.90) huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-Awtorita′ rikorrenti, is-socjeta′ intimata m′ghandha ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi biex tilqa′ ghat-talbiet tal-Awtorita′ rikorrenti u dan kif konfermat ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata li qed tigi hawn annessa bhala Dok. ′Ċ′.

5. Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega skond il-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u skond proceduri specjali sommarji kif stabbiliti fil-ligi.

Tghid ghalhekk is-socjeta′ intimata ghaliex m′ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta′ Malta u tiddecidi din il-kawza skond procedura specjali sommarja;

(ii) tiddikjara illi s-socjeta′ intimata hija vera, certa u likwida debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta′

hmistax-il elf ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u disgħin ċenteżmu (€15,537.90) rappreżentanti servizzi ta' kiri ta' *enforcement officers* tagħha fir-rigward ta' xogħolijiet fit-triq illi kienet qed teżegwixxi s-soċjeta' intimata skond ir-Rendikont hawn anness bħala Dok. 'A';

(iii) konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lill-Awtorita' rikorrenti l-imsemmija somma ta' hmistax-il elf ħames mija u sebgħa u tletin Ewro u disgħin ċenteżmu (€15,537.90).

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-Ittra Ufficjali Numru 804/2023 u tal-mandat ta' sekwestru preżentat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv da parti tas-socjeta' intimata li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Rat li fis-seduta tal-lum deher l-intimat Joseph Fenech li ta ruhu notifikat bir-rikors guramentat f'ismu u f'isem l-intimati l-ohra.

Rat illi s-socjeta' intimata debitament notifikata nhar l-4 ta' Jannar 2024 illum, imsejha diversi drabi, naqset milli tidher.

Fil-mertu l-Qorti rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentanta tal-Awtorita' rikorrenti Mary Rose Pace a fol 4 tal-process illi kkonfermat li l-ammont ta' hmistax-il elf, hames mija sebgha u tletin Euro u disghin centezmu (€15,537,90) ghadu dovut lir-rikorrenti mis-socjeta' intimata.

Rat ukoll a fol 5 l-'invoice' relattiva.

Rat l-ittri ufficjali esebiti.

Illi fic-cirkostanzi l-Qorti tqies illi t-talba tal-Awtorita' rikorrenti hija debitament ippruvata w'ghalhekk gustifikata u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' it-tieni talba kif dedotta;

3. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**9 ta' Jannar 2024**

**Cora Catania**

**Deputat Registratur**

**9 ta' Jannar 2024**